# Mitejn sena mill-mewt ta' Francesco Azopardi (1748-1809)

## Maestro di Cappella u kompożitur prolifiku

minn Noel D'ANASTAS



Fis-6 ta' Frar li għadda, ħabat il-mitejn anniversarju mill-mewt ta' Francesco Azopardi, wieħed mill-aqwa kompożituri prolifiċi li kellha Malta. Kien organista u *Maestro di Cappella* fil-Katidral fl-Imdina u attiv f'bosta knejjes u parroċċi, inkluż fil-Mosta. Kien ukoll għalliem magħruf li taħtu tgħallmu wħud mill-aqwa mużiċisti u kompożituri tat-tmiem is-seklu tmintax u dsatax.[1]

### Francesco Azopardi - identità



Francesco Azopardi huwa bin Salvatore Azopardi, mastrudaxxa li kien miżżewweġ lil Anna Agius li kellhom ħamest ulied oħra: Beatrice, Teresa, Pietro Paolo, Aurelio, Rosa, u Giuseppe. Kienu joqgħodu fil-kwartier tal-Konti Felice Manduca fir-Rabat, illum Triq l-Isptar.[2] Imwieled fir-Rabat nhar il-5 ta' Mejju 1748, u ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali tar-Rabat mill-Viċi-Parroku Dun Pietru Attard.[3] Fi ċkunitu kien qed ikun affaxxinat mid-daqq li kien jisma' fil-Katidral li f'dak iż-żmien il-kappella mużikali kienet diretta minn Dun Benigno Zerafa, wieħed mill-aqwa kompożituri lokali tal-mużika sagra tas-seklu tmintax.

Azopardi studja l-mużika għand Dun Mikiel Anġ Vella li fost allievi oħra kontemporanji mgħallma minn Vella kien hemm ukoll Nicolò Isouard, Giuseppe Burlo u Salvatore Magrin. Ftit li xejn nafu dwar tfulitu. Mill-'*Istatus Animarum*' tar-Rabat u l-Imdina għas-sena 1761 jirriżulta li Francesco kien '*chierico*' fil-Grotta ta' San Pawl.[4] Ta' 15-il sena, il-familja ħalsitlu l-ispejjeż biex immur jistudja l-mużika f'Napli, f'wieħed mill-erba' konservatorji li fihom studjaw il-mużika wħud miċ-ċelebri tal-mużika Taljana fosthom Pergolesi, Leo, Durante u l-allievi tagħhom Piccini, Traetta, Jommelli, Sacchini u Guglielmi.

Kien fil-15 t'Ottubru 1763, meta Azopardi daħal fil-Konservatorju *Sant'Onofrio a Capuana* f'Napli. Hemm dam madwar tlett snin. Fl-istess żmien kien hemm xi Maltin oħra fosthom Francesco di Salvo.[5] Skond Alberto Ghisalberti, Azopardi studja f'Napli ma' Carlo Cotumaci u Giuseppe Doll, filwaqt li Paolo Pullicino li kiteb l-ewwel tagħrif bijografiku dwar Azopardi kif ukoll Patri Andrea Tanti li għamel l-eloġju funebri ta' Azopardi jirrimarkaw li Francesco studja ma' Nicolò Piccini.

Wara t-tluq mill-konservatorju, Azopardi baqa' f'Napli sal-1774 fejn bena reputazzjoni bħala għalliem ta' allievi wlied familji għonja u fil-monasteri. Tul daż-żmien, Azopardi għamel xi żjajjar f'Malta u kellu komunikazzjoni mal-Kapitlu tal-Katidral dwar xogħol marbut mal-attività mużikali fil-Katidral.[6] F'Napli, influwenzat minn Nicolò Jommelli u mill-iskola Naplitana, Azopardi kiteb quddiesa kbira għal żewġ korijiet, u xi xogħlijiet oħra.

### Organista u *Maestro di Cappella* fil-Katidral

Fl-1773 l-Isqof ta' Malta, Mons. Pellarano, stieden lil Azopardi jiġi lura Malta biex jokkupa l-post vakant ta' organista fil-Katidral.[7] Huwa rritorna Malta u serva t'organista tal-Katidral minn April 1774 sa Frar 1804 sakemm miet il-*Maestro di Cappella* Dun Benigno Zerafa. Azopardi laħaq *Maestro di Cappella* tal-Katidral f'Marzu 1804, kariga li żammha sakemm miet.[8] Fil-fatt, Zerafa kien għamel snin twal marid u Azopardi kellu jibqa' kważi sa mewtu bit-titlu t'organista, għalkemm kien iwettaq iż-żewġ uffiċji. Fl-1798 kien ukoll attiv fil-Kon-Katidral. Dawn is-servizzi wasluh biex jikteb ħafna xogħlijiet sagri. Azopardi kien ukoll *Maestro di Cappella* f'diversi knejjes madwar Malta fosthom fir-Rabat, il-Birgu, iż-Żurrieq, u f'Ħaż-Żebbuġ.

### Xogħlijiet mużikali

Azopardi kiteb madwar 250 kompożizzjoni, l-aktar mużika sagra, fosthom 31 quddies, 76 salmi, antifoni, innijiet, responsorji u lamentazzjonijiet kif ukoll madwar 70 mutett. Fost dawn insibu żewġ quddisiet, waħda komposta fl-1792 għall-Konverżjoni ta' San Pawl u l-oħra '*Messa de Requiem*' komposta għall-funeral ta' Leopoldu II, Imperatur tal-Awstrija. Il-'*Messa Pastorale*' tal-1788 kienet milqugħa tajjeb mill-Kapitlu tal-Katidral.

Żewġ quddisiet oħra '*a otto voci*' ġew komposti fl-1776 u fl-1798 rispettivament. Fl-1793 kiteb il-'*Lauda Sion*' li kienet esegwita fil-festa ta' *Corpus Domini*.

Azopardi kiteb bosta antifoni, fosthom dawk li tagħhom kien *Maestro di Cappella*. Fost dawn kiteb '*Levite Laurentius*', '*In Sepulcrum*' u '*Sacerdotes et Pontifex*' x'aktarx li ġew imdaqqa fil-festi titulari fil-Birgu, Ħaż-Żebbuġ u fis-Siġġiewi rispettivament. Il-'*Gloriosi Principes Terrae*' kitibha fl-1800 għall-purċissjoni ta' San Pawl fir-Rabat. Waħda mill-isbaħ xogħlijiet hija l-antifona '*Vade Anania*' għal tenur solo li Azopardi kiteb lejn l-aħħar ta' ħajtu. Din ġiet ikkummissjonata mill-Kapitlu tal-Katidral fl-1807 jumejn biss qabel il-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl.

## Mużika għall-festa ta' Santa Marija

Fost ix-xogħlijiet komposti minnu għall-festa tal-Assunta - probabbli wkoll li dawn setgħu ndaqqu fil-Mosta - Azopardi kiteb l-Innu '*Ave Maris Stella*' fl-1772 meta kien għadu Napli. Kiteb żewġ innijiet oħra '*Ave Maris Stella*' fl-1779 u fl-1801.[9] Fl-1778 kiteb l-antifona '*Virgo Prudentissima*' għal erba' vuċijiet.[10] Għaxar snin wara kkompona l-gradwal '*Propter Veritatem*' u l-offertorju '*Assumpta Est Maria*', it-tnejn miktuba għal erba' vuċijiet.[11]

## Mużika sekulari

Barra mużika sagra, Azopardi kiteb oħrajn fuq element sekulari - arji u dwetti fuq libretti ta' Pietro Metastasio (1698-1782). Fl-1791 kiteb l-opra buffa '*La magica lanterna*'. Fl-1784 kiteb id-dwett '*Nei Giorni Tuoi Felici*', filwaqt li fl-1802 fuq librett tal-istess Metastasio kkompona l-oratorju klassiku '*La Passione di Cristo*'. Dan l-oratorju sagru kien suċċess kbir meta ġie mtella' fit-Teatru fil-Belt fl-istess sena li nkiteb.[12] Fl-1775, kiteb ukoll kantata għall-Granmastru De Rohan - '*Malta Felice*'. Kiteb ukoll arji, dwetti, *overture* u sinfoniji, fosthom dik tal-1799 għal *oboe obligato*. Pietro Paolo Pullicino jirrimarka li ħafna minn dawn ix-xogħlijiet sekulari intilfu.

Il-wirt mużikali t'Azopardi - sew dak awtentiku kif ukoll kwantità ta' kopji - jinsab merfugħ f'bosta arkivji fosthom dak tal-Katidral fl-Imdina, fil-Kripta ta' San Pawl fir-Rabat, fil-Kunventi tal-Patrijiet tal-Art Imqaddsa fil-Belt; tal-Karmelitani fil-Belt u fl-Imdina; fl-arkivji parrokkjali tal-Mellieħa u f'Birkirkara; fil-Katidral t'Għawdex u f'bosta kollezzjonijiet oħra privati. Fl-1822, il-Katidral t'Għawdex kien akkwista wkoll xi Responsorji tal-Ġimgħa Mqaddsa ta' Azopardi għall-prezz ta' 15-il skud.

## Il *Musico Pratico*

Francesco Azopardi jibqa' wkoll magħruf għat-trattat li kiteb fuq l-armonija u l-kuntrapunt. Il '*Musico Pratico*' li kiteb bejn l-1782 u l-1785 kien iddedikat lill-Kavallier Vincenzo Vergada y Ribera. Dan it-trattat ġie maqlub għall-Franċiż mill-mużiċista Nicola Framèry u mitbugħ f'Pariġi minn Le Duc fl-1786. L-edizzjoni ta' Framèry ġiet introdotta minn Andrè *Grètry* (1741-1813) lill-komunità Pariġina fiż-żmien il-monarkija. Fl-1824, dan kellu reviżjoni u reġa' ġie ppublikat mill-mużikoloġista Franċiż Alexandre Choron (1771-1834). Dan ix-xogħol kien imfittex ħafna fil-konservatorju ta' Pariġi. Luigi Cherubini (1760-1842) jagħmel riferenza għat-trattat ta' Azopardi fl-istudju '*Cours de Contrpoint et de fugue*' li Cherubini kiteb ma' Fromental Halevy (1799-1862) fl-1835. Fuq l-istess studju t'armonija u kuntrapunt, Azopardi kiteb studju kritiku fuq l-oriġini tal-mużika fix-xogħol ta' Dun Antonio Esimeno, qassis Spanjol li għex f'Ruma fl-1780.

Żgur li Azopardi uża dan it-trattat fit-tagħlim tal-mużika. Taħtu studjaw Nicolò Isouard, Pietru Pawl Bugeja, Dun Giuseppe Burlo, Dun Giuseppe Principato, Dun Teodoro Piscopo u Marianna Schembri, bint l-imħallef Giovanni Schembri fost allievi oħra. Jingħad li Marianna kienet l-unika tifla li tgħallmet taħt Azopardi peress li Azopardi kellu karattru skrupluż. Ħafna jsostnu li Marianna Schembri kienet tgħix mal-familja t'Azopardi fiż-żmien l-imblokk tal-Franċiżi.

## Lejn it-tmiem

Il-ħajja impenjattiva ta' Azopardi ġiet fi tmiemha wara marda kiefra. Francesco Azopardi miet fis-6 ta' Frar 1809 fid-dar tiegħu fir-Rabat, illum Triq l-Isptar ftit 'il bogħod mill-knisja tal-Franġiskani Konventwali.[13] Il-funeral tiegħu sar mill-Kapitlu tal-Katidral u wara ġie midfun fil-Katidral stess. Il-wirt mużikali tiegħu ħallieh lil oħtu Teresa li wara nxtara mill-Katidral.

Illum, il-mużika sagra tiegħu hija fost l-aktar li tindaqq. Minn meta fl-1969 infetaħ il-Mużew tal-Katidral li fih stabbilixxa l-arkivju mużikali tal-istess Katidral u ġabriet oħra, wassal biex studenti universitarji, riċerkaturi u diretturi mużikali studjaw bir-reqqa l-mużika tiegħu u ma ħallewiex tikkamla fuq l-ixkaffef. Djar tad-diski barranin għażlu wkoll xogħlijiet tiegħu.

Is-surmast Dion Buhagiar, il-*Maestro di Cappella* tal-Katidral u organista fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann kiseb id-dottorat tiegħu mill-Istitut tal-Mediterran fl-Università ta' Malta (1999) bi studju fuq Azopardi. Buhagiar jagħmel studju komparattiv fiż-żewġ trattati tiegħu. Jikkompara t-tieni edizzjoni tal-*Musico Pratico* mat-trattati kontemporanji ta' Penna, Calegari, Tevo, Vallotti, u Sabbatini.

Irrekordja wkoll il-*Messa di Morti*. Dan huwa xhieda kemm Francesco Azopardi kien kompożitur, għalliem u mużiċista prolifiku li kien ta' influwenza għall-ġenerazzjoni ta' warajh.

## Francesco Azopardi - imfakkar

Biex jitfakkar il-mitejn sena minn mewtu, il-Kunsill Lokali tar-Rabat, il-post fejn twieled, trabba, għex u miet il-kompożitur fakkar dan b'kommemorazzjoni.



Dan sar bit-tħabbrik tal-Mons. Kan. Ġwann Azzopardi li ħadem bis-sħiħ biex il-ħajja u l-ħidma mużikali tiegħu tkun rikonoxxuta, studjata u mdaqqa mhux biss f'Malta, iżda wkoll barra. Għal din l-okażjoni, fil-Mużew tal-Wignacourt fir-Rabat inżammet wirja dokumentata dwar il-ħajja artistika mużikali tal-kompożitur. Twaħlet ukoll lapida fid-daħla tat-triq li Francesco Azopardi għex fiha. Xi snin ilu, Azopardi tfakkar ukoll permezz ta' bolla postali kommemorattiva.

## Il-Festa ta' Santa Marija fil-Mosta fiż-żmien Francesco Azopardi

Minn mindu bdew jieħdu forma aktar stabbli fis-seklu sittax, il-parroċċi ma kinux kontrollati minn awtorità finanzjarja waħda, imma minn bosta entitajiet żgħar fejn xi ħadd kien jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-knisja, ħaddieħor il-legati jew obbligi u festi partikolari, u l-fratellanzi jew għaqdiet jieħdu ħsieb xi artal, vara jew kwadru - kull wieħed iżomm il-kontijiet separatament.

L-aktar entità importanti kienet dik li tieħu ħsieb l-artal maġġur li fost oħrajn kellha l-obbligu li żżomm il-lampier dejjem mixgħul, għalhekk kienet tissejjaħ il-*Veneranda Lampada*. Maż-żmien, din bdiet tieħu ħsieb bżonnijiet oħra inkluż il-festi, manutenzjoni tal-knisja, priedki u oħrajn. Baqgħu biss separati l-fratellanzi u għaqdiet oħra.

Ir-reġistru tal-*Veneranda Lampada* tal-Mosta li jkopri s-snin 1776 sal-1837 jagħti xenarju importanti ta' kif kienet qed tinżamm il-festa u l-purċissjoni ta' Santa Marija kif ukoll attività oħra fi spejjeż li nżammu fil-manutenzjoni u dekorazzjonijiet artistiċi fil-knisja parrokkjali l-antika.

Jidher li l-ewwel dokumentazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-*Maestro di Cappella* Francesco Azopardi fil-festa ta' Santa Marija fil-Mosta hija dik tal-1779 li prokuratur f'dak iż-żmien kien hemm Don Francesco Pullicino. F'dik is-sena, il-prokuratur ħallas lil Azopardi s-somma ta' 47 skud, 3 tari u 11-il gran għal żewġ servizzi mużikali fil-knisja. L-ammont kien ukoll jinkludi l-ħlas għall-kalessi biex setgħu jinġiebu l-mużiċisti.[14] F'dik is-sena kellek ukoll l-attività mużikali esterna bid-daqq tat-tamburlini li tħallsu skud u 4 tari.[15]

Azopardi jerġa' jissemma fil-festa tal-1794. Il-prokuratur tal-*Veneranda Lampada* kien Dun Felice Mangion. Għal dik il-festa, Francesco Azopardi ħa 46 skud u 6 tari "*e sono per una messa, secondo vesÈperoÉ e procesÈsioneÉ in musica fatto nel di festivo della B. Vergine*". Fil-festa tal-1794 kien hemm ukoll il-'*banda del falconiere*' li akkumpanjaw il-purċissjoni. Il-prokuratur Mangion kien ħallas 10 skudi u 2 tari għal din il-banda. Barra din il-banda, kien hemm ukoll id-daqq tat-tamburlini li ħadu skud u 3 tari. Il-ħlas għal-logħob tan-nar ammonta għal 29 skud u 6 tari – it-tieni l-akbar somma mħallsa minn kull prokuratur wara dik tal-attività mużikali fil-knisja. Il-paniġierku għal dik is-sena kien nisġu l-Kanonku Karlu Schembri li tħallas żewġ skudi.[16]

Fis-sena ta' wara, Azopardi jitħallas 52 skud u 4 tari għall-quddiesa kantanta, għasar u l-mużika waqt il-purċissjoni. Il-logħob tan-nar kien sewa 26 skud filwaqt li l-ħlas għas-'*suonatori della banda di vascelli*' kien ta' 4 skudi. Dan l-ammont juri li n-numru ta' daqqaqa kien anqas minn tas-sena ta' qabel. Id-daqqaqa tat-tamburlini tħallsu 2 skudi u 3 tari. Dun G. Vassallo, kappillan ta' Ħad-Dingli għamel il-paniġierku bi ħlas simili għas-sena ta' qabel, dak ta' 2 skudi.[17]

Fl-1796 jerġa' jissemma' l-prokuratur Dun Francesco Pullicino li ħallas lil Francesco Azopardi 44 skud u 4 tari '*per Primo Vespero, Messa e Secondo Vespere, oltre la spese per la voci in fede dico*'. Għal matutin kienu nġiebu żewġ qassisin minn Ħal-Lija li bejniethom tħallsu skud. Il-filjol li ħa ħsieb l-'*alza mantici*' tal-orgni fit-tlett funzjonijiet ħa ħlas ta' żewġ tari.[18] Il-ġiġġifogu nħadem minn Giovanni Vella mir-Rabat (*borgo della Notabile*) li qam 20 skud u 6 tari.[19] Għall-ewwel għasar kienu nġabu mill-Belt erba' '*cantori di musica*' li kantaw mingħajr ħlas. Il-vjaġġ mill-belt bil-kaless kien qam skud. Jidher li l-ispejjeż għal ħames qassisin li kantaw fiż-żewġ għosrin u fil-quddiesa kantata kien ta' 8 skudi u 6 tari.

Il-prokuratur Pullicino kien metikoluż f'ċerta dettalji li llum jagħtu aktar dawl dwar l-attività li kienet tinżamm fil-festa. Il-banda li ħadet sehem fl-1796 qamet lill-prokuratur 8 skudi u 6 tari. Din kienet tikkonsisti f'għaxar persuni li kienet daqqet f'lejlet u f'nhar il-festa '*per la banda di 10 persone, due di loro tamborlini per il servizio fatta la vigilia e il giorno festivo*'.[20]

Francesco Azopardi jissemma' wkoll fil-festa tal-1797 meta l-prokuratur Pullicino ħallsu 52 skud għal quddiesa kantanta u għat-tieni għasar. Il-logħob tan-nar kien sewa 23 skud.[21] Il-banda ta' għaxar persuni – bħal dik tal-1796 – kienet qamet 12-il skud u 6 tari ('*15 il tari l'uno*'). F'dik is-sena sar ħlas ieħor ta' 4 skudi għal tlett daqqaqa oħra tat-tambur u l-fifra.[22] Il-paniġierku kien sar mill-kappillan tal-Mosta.

## L-attività mużikali ta' Azopardi fil-Mosta fis-seklu dsatax

Wara l-qalba tas-seklu l-ġdid, Francesco Azopardi jerġa' jissemma fl-1805 meta l-istess prokuratur Dun Francesco Pullicino kien ħallas lil Azopardi s-somma ta' 70 skud u 4 tari għall-quddiesa, it-tieni għasar u l-purċissjoni. Għal matutin, Azopardi ħa 2 skudi u 6 tari.[23] Il-banda tħallset 17-il skud għas-servizz f'lejlet u nhar il-festa.[24] Hawn il-prokuratur ma jagħtix dettalji ta' kemm kienu fin-numru l-bandisti. Pullicino joħroġ ukoll 4 skudi u 3 tari għaż-żewġ daqqaqa tat-tambur u daqqaq tal-fifra. L-istess ħlas ingħata lil dawn it-tlett daqqaqa fis-snin 1806 u fl-1807 għalkemm f'din is-



Triq l-Isptar fir-Rabat. It-triq li fiha twieled u trabba Francesco Azopardi.

sena jissemmew biss daqqaqa tat-'tamburlini'.[25] Il-ħlas mogħti għal-logħob tan-nar għas-snin 1805 u l-1808 kien ivarja bejn 25 skud u 29 skud.[26]

Fl-1806 Azopardi ħa ħlas ta' 74 skud u 4 tari għall-mużika mdaqqa fil-quddiesa, għosrin, purċissjoni u l-matutin.[27] It-tifel li ħa ħsieb il-minfaħ tal-orgni tħallas 3 tari, kif għamel fis-sena ta' qabel.[28] Għal din is-sena, il-prokuratur Pullicino jagħmel referenza għan-numru ta' persuni li daqqew fil-banda fil-vġili u fil-ġurnata tal-festa. Fil-fatt, il-ħlas tal-banda komposta minn tmien persuni kien ta' 17-il skud, l-istess ħlas mogħti fis-sena preċedenti, kif ukoll fis-snin ta' wara fl-1807 u 1808.[29] F'dawn is-sentejn, il-prokuratur ma jagħti l-ebda dettal ta' kemm kienu l-bandisti.

Għall-festa tal-1807 kien attenda l-Kummissarju Ċivili Alexander Ball fejn b'turija ta' rispett il-kappilan tah bukkett fjuri li kien qam mas-6 skudi. Għal dik il-festa, il-prokuratur Pullicino ħallas 73 skud għall-mużika '*per messa, secondo vespere e mattutino falso bordone in musica*'. Iż-żewġ kanturi tħallsu skud kull wieħed.[30]

Fl-1808 il-prokura tal-*Veneranda Lampada* ħadha Dun Merino Galea. F'Ġunju ta' dik is-sena ħa ħsieb li jirrestawra l-orgni. L-akkomodatura u l-kanen inżammu mill-organaro Emanuele Santucci li kien magħruf sew f'dan il-qasam. Huwa tħallas 35 skud.[31] F'dik is-sena, il-prokuratur jagħti dettalji ta' kull servizz li ta Francesco Azopardi li kien tħallas 66 skud u 9 tari.[32]

Dik kienet l-aħħar sena li Azopardi ħa sehem fil-Mosta u f'irħula oħra għax fi Frar 1809, Azopardi miet u Malta tilfet wieħed mill-aqwa kompożituri tas-seklu tmintax.




Tifkira f'għeluq il-mitejn sena mill-mewt ta' Francesco Azopardi.

Noti u Referenzi:

1 *Partijiet minn dan l-artiklu kien ġie ppubblikat mill-istess awtur fl-annwal li toħroġ is-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard għall-festa tal-Assunta (1995, pp. 89-102).*

2 *Arkivju tal-Katidral, Mdina A.C.M. Misc. 193 (Status Animarum), 1759, f.5.*

3 *Arkivju Parrokkjali Mdina, Lib. Bapt. Vol.IV, p.398.*

4 *A.C.M. Misc. 193, Status Animarum: Notabile/Suborgio, 1761, f.5.*

5 *Arkivju tal-Katidral, C.E.M. Acta Originalia 828 (1777). Stat liberu ta' Francesco Di Salvo.*

6 *A.C.M. Reg.Del.Cap. Vol. 10 (1772-1778), f.37v.*

7 *Applikazzjoni għall-post t'organista u l-kariga futura ta' Maestro di Cappella minn Francesco Azopardi saret f'Diċembru tal-1773. C.E.M. Acta Originalia Vol.333 (1772-73), f.620.*

8 *Franco Bruni, Musica Sacra a Malta: Le Cappelle delle Cattedrale di S. Paolo e della Concattedrale di S. Giovanni Battista nel XIX Secolo (Malta 1993), p.87.*

9 *A.C.M. Mus. Ms. 530 u 531. Ta' min wieħed jinnota li fl-1779 kienet l-ewwel sena ddokumentata fejn fiha Azopardi beda jieħu ħsieb il-mużika fil-festa tal-Mosta.*

10 *A.C.M. Mus. Ms. 689.*

11 *A.C.M. Mus. Mss. 381 u 414.*

12 *Partijiet mill-Oratorju jinsab fl-Arkivju tal-Karmnu fl-Imdina.*

13 *Arkivju Parrokkjali, Mdina Lib. Mort. Vol.V, f.85.*

14 *Arkivju Parrokkjali, Mosta Esito Veneranda Lampada 1776-1837, p.21.*

15 *Ibid. p.22.*

16 *Ibid. p.164.*

17 *Ibid. p.172.*

18 *Ibid. p.181.*

19 *Ibid. p.182.*

20 *Ibid. p.184.*

21 *Ibid. p.198.*

22 *Ibid. p.198.*

23 *Ibid. p.271.*

24 *Ibid. p.270.*

25 *Ibid. p.270 (1805); p.279 (1806); p.286 (1807). Fl-1808 ma jissemmewx daqqaqa tat-tambur u l-fifra.*

26 *Fl-1805 il-'gioco di fuoco' u r-'Raggi d'aria' qamu 27 skud u 6 tari. Fis-sena ta' wara, il-logħob tan-nar sewa 26 skud. Fl-1807 u l-1808 qam 25 skud u 29 skud rispettivament. Ibid. p.271 (1805); p.278 (1806 u 1807); p.293 (1808).*

27 *Ibid. p.279.*

28 *Ibid. p.270 (1805); p.279 (1806).*

29 *Ibid. p.278 (1806); p. 286 (1807); p.295 (1808).*

30 *Ibid. p.286.*

31 *Ibid. p.295.*

32 *Il-prokuratur Galea jagħti tlett dettalji ta' ħlas mogħti lil Azopardi. Għal-ewwel għasar, Azopardi tħallas 6 skudi u 6 tari filwaqt li għall-matutin ħa ħlas ta' skud u 4 tari. 56 skudi u 3 tari kienu dovuti għall-mużika fil-quddiesa, it-tieni għasar u purċissjoni. Ibid. p.293.*

*© Noel D'Anastas, Lulju 2009.*